# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru, 2001.**

**Numru 15**

**Citaz. numru 199/98 AJM**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Emanuel Vella**

**Il-Qorti;**

**L-ATT TAC-CITAZZJONI**

Il-Korporazzjoni attrici pprocediet kontra l-konvenut b'dan l-att ta' citazzjoni :-

"Is-socjeta' attrici wara li ppremettiet li fuq talba tal-konvenut kienet installat is-servizz telefoniku bin-umru 732724 fil-fond 23, Mosta Bride Street, Mosta, u dana skond ma jirrizulta mill-anness dokument A u cioe' kopja fotostatika awtentikata tas-"service agreement" ezistenti bejn il-partijiet, illi skond l-istess "service agreement" il-konvenut kien obbliga ruhhu li jhallas dawk it-tariffi li minn zmien ghal zmien jigu stabbiliti mill-attur ; illi l-konvenut

huwa debitur ta' l-attur fis-somma ta' Lm10,223.28 (ghaxart elef, mitejn u tlieta u ghoxrin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmi) liema ammont huwa dovut ghall-uzu (pulses/calls), xoghol extra, kera tal-linja u taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera in konnessjoni ma' l-istess servizz telefoniku u dana skond kif jirrizulta mill-anness statement bhala Dokument B, illi l-istess konvenut gie interpellat ihallas is-somma msemmija izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza, talbet li din il-Qorti :-

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Lm10,223.28 dovuta ghall-uzu (pulses/calls), xoghol extra, taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera u kera tal-linja in konnessjoni mas-servizz telefoniku hawn fuq imsemmi liema servizz kien gie nstallat mill-attur fil-fond fuq imsemmi fuq talba tal-konvenut."

**<u>ECCEZZJONIJIET</u>**

Il-konvenut hekk eccepixxa ghat-talbiet attrici :-

"1. Il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni odjerna.

2. In-nuqqasita' integrita' fil-gudizzju stante li l-attur kien irrikonoxxa bhala debitur ghall-ammont reklamat lil certu Adelina Sacco li kienet il-persuna qua inkwilina, li kienet qed taghmel uzu mis-servizz tat-telephone de quo.

3. Illi ghalhekk l-istess Adelina Sacco ghandha tigi kjamata in kawza kif ghandha tigi kjamata in kawza wkoll certu Connie Abdilla li dahlet garanti in solidum ma' l-istess Adelina Sacco ghal hlas ta' l-istess kontijiet tat-telephone skond kif jirrizulta minn skrittura privata datata 14 ta' Ottubru 1993 Dok. A.

4. Illi t-talbiet ta' l-attur fil-konfront ta' l-eccipjenti ghandhom jigu respinti peress li huma nfondati kemm fattwalment kif ukoll legalment u b'mod partikolari ghar-ragunijiet segwenti :-

(a) L-attur kien irrikonoxxa lil Adelina Sacco bhala debitur tieghu in konnessjoni ma' l-istess kontijiet tat-telephone tant li beda jircievi minghandha pagamenti mensili ta' Lm200 Dok. B u Dok. C.

> (b) Illi ma kienx l-eccipjenti li kien qed jaghmel uzu mis-servizz ta' l-istess telephone izda Adelina Sacco li kienet l-inkwilina tal-fond fejn kien jinsab installat l-istess apparat liema fatt gie anke rikonoxxut mill-istess attur Dok. B.
>
> (c) L-ammont reklamat qed jigi kontestat per se stante li ma jirriflettix ir-realta' tat-telefonati allegatament maghmula."

**VERBAL**

Rat il-verbal tas-6 ta' Dicembru 1999 li bih l-ewwel Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza u l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

**DECIDE**

B'sentenza in parte tas-26 ta' Jannar 2000, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha :-

> "Din il-kawza tikkoncerna kreditu tas-socjeta' attrici indirizzat lejn il-konvenut ghas-servizz ta' telephone installat fil-fond 23, Mosta Bride Street, Mosta, fuq rikjesta ta' l-istess konvenut kif jidher fid-dokument A a fol. 5 tal-process. L-ammont in kwistjoni huwa wiehed relevanti billi jeccedi l-ghaxart elef lira Maltin. Fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut ressaq diversi oggezzjonijiet sabiex jiggustifika n-nuqqas ta' hlas ta' l-ammont reklamat, oltre li qed jigi eccepit ukoll li l-ammont kollu mhux dovut, izda din is-

sentenza hija limitata ghal ezami ta' l-ewwel eccezzjoni u cioe' dik ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

Issa jidher mill-atti li l-konvenut ghalkemm qed isostni li l-kreditu huwa preskritt ma indika ebda preskrizzjoni partikolari u ghalhekk proprjament din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' eccezzjoni simili billi maghmula "in astratto".

Izda jidher li s-servizz telefoniku li dwaru qed isir reklam mis-socjeta' attrici jikkoncerna l-perjodu bejn Dicembru 1992 sa Marzu 1995 u fit-28 ta' Settembru 1995 il-konvenut gie notifikat b'ittra ufficjali tas-socjeta' attrici fejn gie interpellat sabiex ihallas is-somma ta' tnax-il elf tmien mija hamsa u ghoxrin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm12,825.85) liema ammont jikkomprendi l-kreditu in kwistjoni.

Il-preskrizzjoni referibbli ghal krediti tas-servizz telefoniku hija dik ta' hames snin kif dejjem gie ritenut mill-Qrati Maltin u ghalhekk billi c-citazzjoni odjerna giet prezentata fit-28 ta' Jannar 1998 l-kreditu mhux preskritt."

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

Il-konvenut appella minn din is-sentenza in parte.

L-aggravju tal-appellant hu illi l-ewwel Qorti malamament cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni minhabba l-allegata interruzzjoni li sehhet permezz ta' ittra ufficjali datata 27 ta' Settembru 1995, li kopja awtentika taghha giet prezentata mis-socjeta' attrici. L-appellant jaghmel diversi oggezzjonijiet ghal din il-motivazzjoni tas-sentenza appellata li din il-Qorti sejra telenka bil-kummenti taghha dwarhom.

(a) L-appellant jissottometti illi l-ewwel Qorti ma kellhiex proceduralment tippronunzja ruhha b'dan il-mod billi kienet laqghet it-

talba tas-socjeta' attrici li tipprezenta l-prova tal-interruzzjoni permezz ta' nota "wara li kienu gia' inghalqu l-provi" meta l-permezz inghata bil-kondizzjoni li n-nota u d-digriet relattiv jigu notifikati lill-avukat tal-appellant, haga li baqghet ma saritx. Konsegwentement il-konvenut kien baqa' ma giex notifikat bil-prova l-gdida mressqa mis-socjeta' attrici, cioe' l-ittra ufficjali. F'dan is-sens l-appellant kien baqa' zvantaggjat in kwantu ma kellux l-opportunita' li jikkontrolla u jikkontesta u jaghmel l-osservazzjonijiet tieghu dwar din il-prova.

Dan l-aggravju jista' jkun rilevanti biss fir-rigward tal-kap tal-ispejjez. Dan ghaliex il-konvenut qieghed gustament juzufruwixxi d-dritt tieghu li jappella mis-sentenza appellata u kellu allura l-opportunita' li jadduci proprju bhala l-ewwel aggravju tieghu l-fatt illi ma kienx gie moghti l-opportunita' li jivverifika prova li giet introdotta fl-atti bl-awtorizazzjoni tal-Qorti imma li ma kienitx giet lilu notifikata fit-termini tad-dritt tal-ewwel Qorti. Infatti fis-17 ta' Novembru 1999, dik il-Qorti ddegretat talba tal-Korporazzjoni attrici biex tipprezenta kopja ufficjali tal-ittra ufficjali f'dan l-istadju inoltrat tal-kawza billi kien biss allura illi kien irnexxielha tirrintraccjaha. Kienet laqghet dik it-talba "prevja n-notifika ta' dan ir-rikors u digriet lill-kontroparti". Notifika li ma jirrizultax illi saret kif lanqas jirrizulta illi l-ewwel Qorti ivverifikat dan il-fatt. Hi allura korretta s-sottomissjoni tal-appellant illi hu ma kellux l-opportunita' illi jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu fir-rigward ta' din il-prova. Pero' ghall-mertu ta' dan l-appell, din is-sottomissjoni ma kellhiex tkun

determinanti in kwantu f'dan l-istadju l-appellant ghandu l-opportunita' li jikkummenta, kif fil-fatt qed jikkummenta, dwar l-awtenticita', l-korrettezza u l-effetti tal-ittra ufficjali li l-ewwel Qorti qieset bhala att gjudizzjarju interruttiv tal-preskrizzjoni estintiva tal-azzjoni li kienet qed tiddikorri kontra l-Korporazzjoni appellata.

(b) Infatti l-appellant jissottometti aggravju fil-mertu ghaliex din l-ittra ufficjali ma kellhiex titqies bhala legalment valida ghall-finijiet ta' allegata interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv. Hu jissottometti illi l-artikolu 2128 tal-Kap. 16 jipprovdi illi att gjudizzjarju ghandu jkun notifikat lill-persuni kontra min ikun qed isir dak l-att interpellatorju. Fil-kaz taht ezami, l-ittra ufficjali kienet indirizzata lid-debitur konvenut Emanuele Vella, ir-riferta tal-Marixxal Ezekutur, kif tidher mill-atti tghid illi "fit-28 ta' Settembru 1995 kien gie notifikat Emanuele Vella bil-posta". Mill-pink card pero' jidher illi l-persuna li effettivament iffirmat il-karta r-roza ta' posta registrata bhala li rcieva l-att kien xi hadd "M.D. Vella" u mhux il-konvenut Emanuel Vella. Konsegwentement ma jistax jinghad li kien hemm interruzzjoni valida fit-termini tas-subinciz 1 tal-Artikolu 2130 tal-Kap. 16.

Fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti gie ezebit estratt mir-Registru Elettorali ghad-Distrett tal-Mosta u precizament ghal Triq l-Gharusa tal-Mosta, f'dik il-lokalita'. Minn dan l-estratt jirrizulta illi fil-fond numru 14 f'dik it-triq kienu joqghodu Emanuel Vella l-appellant u Maria Dolores

Vella (I.D. Card Number 79248M). Ftit allura jista' jkun hemm dubbju illi l-ittra ufficjali giet notifikata fl-indirizz fejn kien joqghod l-appellant u dan hu stabbilit u thalla f'idejn persuna li kienet toqghod mieghu fl-istess fond u li kienet tal-eta' taghha, kapaci allura li tircievi n-notifika. Fin-nuqqas ta' prova kontrarja da parti tal-appellant, din il-Qorti ma tistax ma tirriteniex allura illi n-notifika giet validament maghmula fit-termini tal-Artikolu 187 tal-Kap. 12.

(c) Din il-Qorti tinnota illi l-appellant fl-ebda mument waqt it-trattazzjoni ma kkontesta la l-ezistenza fid-dar tar-residenza tieghu ta' persuna bl-istess inizzjali u kunjom illi ffirmat li rciviet l-att gjudizzjarju u lanqas illi tali persuna kienet tirrisjedi f'dak l-indirizz bhala r-residenza ordinarja taghha tant li kellha l-vot taghha registrat fuqu. Fin-nuqqas ta' prova kuntrarja da parti tal-appellant illi tinnewtralizza l-presunzjoni iuris tantum illi persuna li kienet toqghod fl-istess dar mal-appellant u ggib kunjomu kienet tifforma parti mill-familja tieghu, din il-Qorti kienet gustifikata li tasal ghall-konkluzzjoni illi n-notifika saret lill-persuna li kienet kapaci tircievi n-notifika tal-att gjudizzjarju.

In oltre din il-Qorti ma tistax ukoll ma tinnotax illi l-appellant la fir-rikors tal-appell u lanqas waqt it-trattazzjoni ma allega illi l-att gjudizzjarju ma giex konsenjat lilu. Din il-Qorti allura kienet ukoll gustifikata li tasal ghall-konvinciment illi l-kopja kienet waslet f'idejn il-persuna li lilha l-ittra ufficjali kellha tigi notifikata.

(d) Finalment l-appellant jissottometti wkoll illi n-notifika kienet invalida mhux biss ghaliex l-informazzjoni indikata fuq ir-riferta tal-Marixxal ma kienitx tirrifletti ezattament dak li kien hemm imnizzel fuq il-karta r-roza imma wkoll ghaliex l-istess karta r-roza, iffirmata mir-ricevitur bhala notifika, kienet tikkontjeni diversi mankanzi rikjesti mil-ligi partikolarment dawk indikati fl-Artikolu 188 (1) tal-Kap. 16. Dawn skond l-appellant jinkludu li ma kienx hemm indikat l-isem u l-kunjom tal-persuna li giet notifikata bil-kopja tal-ittra li huma l-informazzjoni li kienet aktar mehtiega partikolarment f'dan il-kaz billi l-persuna li rceviet in-notifika ma kienitx l-istess persuna li ghaliha kienet giet indirizzata l-istess ittra. Lanqas kien hemm indikat jekk fil-fatt l-oggett giex imqassam jew le u d-data rispettiva kif ukoll ma kienx hemm indikat in-numru tal-Karta tal-Identita' lil min saret l-allegata notifika kif ukoll kien jidher li r-riferta relativa kienet saret barra miz-zmien indikat fl-istess subinciz 1 tal-Artikolu 188. Fir-rigward ta' dan l-aggravju, din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet :-

(i) Dak li jissottometti l-appellant fir-rigward tan-nuqqasijiet minnu riskontrati jirreferu qabel xejn ghar-riferta tan-notifika li l-ufficjal inkarigat kien obbligat jaghmel lill-Qorti u mhux ghan-notifika nfisha. Ir-riferta hi d-dikjarazzjoni maghmula mill-ufficjal inkarigat biex tissodisfa lill-Qorti dwar il-verifika tal-fatt illi l-att ikun gie jew ma giex notifikat skond kif l-ufficjal ezekutur ikun dirett u wkoll biex tigi accertata l-identita' tal-

persuna li f'idejha tkun giet fdata l-kopja tal-att li kellu jigi notifikat. Il-Qorti tinnota li dawn ir-rekwiziti jimponu fuq l-ufficjal ezekutur l-oneru ta' liema dettalji kellu jassigura li jkun hemm fir-riferta biex il-Qorti tkun f'posizzjoni tasal ghall-gudizzju illi n-notifika tkun verament saret. Dan kjarament ma jfissirx illi jekk ikun hemm xi wahda minn dawn ir-rekwiziti nieqsa volutament jew ghax l-informazzjoni ma tkunx facilment accessibbli lill-ufficjal ezekutur, in-notifika nfisha tkun invalida u bla effett fil-ligi. Il-fatt li l-att ikun gie ricevut minn persuna notificanda skond il-ligi seta' jigi stabbilit b'mod iehor, anke indipendentament, mill-kontenut tar-riferta. Mill-banda l-ohra pero' l-ufficjal ezekutur inkarigat minn notifika kien obbligat illi josserva bi precizzjoni d-dettami tal-ligi. Kellu jassigura ruhu illi d-dettalji kollha msemmija fis-subinciz 1 tal-Artikolu 188 ikunu ndikati fir-riferta li hu jaghmel lill-Qorti. Dettalji li fil-verita' huma kollha inkorporati fit-timbru ufficjali li hu kien imsejjah biex jimla fiz-zmien statutorju indikat f'dan is-subinciz u dana kif preskritt mir-registratur ai termini tas-subinciz 2 tal-istess artikolu. Ghalhekk waqt li hi skorretta s-sottomissjoni tal-appellant illi n-nuqqas ta' dettalji rikjesti mil-ligi fir-riferta tan-notifika kienu necessarjament jinvalidaw in-notifika – il-validita' effettiva tan-notifika kienet tiddependi biss minn jekk ikunux gew osservati d-dettami tal-Artikolu 187 u artikoli ohra relatati li jistabbilixxi <u>kif kellhom isiru n-notifiki</u> – kien dover tal-ufficjal inkarigat minn notifika illi isegwi dak li kienet espressament tiddisponi l-ligi fl-Artikolu 188 (1) mhux biss biex sewwa jkun qieghed jaqdi d-doveri

tieghu imma wkoll ghax altrimenti seta' fin-nuqqas tieghu jippregudika d-drittijiet tal-partijiet in lite.

(ii) Jigu osservat ukoll illi s-subinciz 1 tal-Artikolu 188 strettament ma japplikax ghall-kaz fejn in-notifika ssir permezz tal-procedura tal-posta imma kienet tapplika qabel xejn fil-kaz fejn l-ufficjal inkarigat ikun personalment dirett biex jaghmel in-notifika tal-att u fejn kien allura hu personalment responsabbli biex jirrelata lill-Qorti l-informazzjoni kollha fir-rigward tal-operat tieghu biex isegwi d-direttivi lilu moghtija biex jassigura n-notifika tal-att. Fil-kaz taht ezami, kif inghad, il-process tan-notifika kien permezz tal-procedura tal-posta u dan jidher li hu regolat mis-subinciz 8 tal-Artikolu 187 li jghid illi "bla hsara ghad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 193 (mhux relevanti ghall-kaz taht ezami) in-notifiki jistghu wkoll isiru minn ufficjali tal-posta b'dak il-mod u skond dawk ir-regoli ikunu konformi bir-regolamenti postali skond kif il-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja jista' jordna f'avviz fil-Gazzetta".

Issa skond dawk ir-regolamenti, ufficjal tal-posta kien obbligat li, una volta jikkonsenja l-ittra registrata mibghuta mir-Registratur tal-Qrati, illi jimla l-pink card li l-original taghha fil-kaz taht ezami gie esebit f'dawn l-atti u jikkonsenjaha lill-ufficjali inkarigati tal-Qorti li kellhom jaghmlu fil-process ir-riferta tan-notifika li tkun tirrifletti l-operat tal-konsenja tal-ittra registrata fl-indirizz indikat mill-mittent. Din il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi f'dan ir-rigward hemm diversi mankanzi li jindikaw

nuqqasijiet li setghu wkoll f'certu cirkostanzi jkunu pregudizzjevoli kemm ghall-mittent tal-ittra kif ukoll ghall-intimat. Din il-Qorti tinnota illi fil-pink card taht ezami ma tirrizultax il-firma tal-ufficjal tal-posta illi ezegwixxa l-konsenja. Lanqas in-numru tal-Karta tal-Identita' tieghu kif espressament indikat fl-istess dokument. Tonqos ukoll id-dikjarazzjoni jekk l-oggett postali kienx gie jew le mqassam u wkoll f'liema data kien hekk gie konsenjat. Din l-informazzjoni, altrimenti essenzjali, setghet tigi fil-kaz taht ezami fortunatament dedotta minn fatti cirkostanzjali. Altrimenti jista' jigri illi l-mittent kien ikun gravament pregudikat ghaliex ma kienx ikun hemm il-prova illi l-ittra ufficjali minnu mibghuta intiza proprju biex tinterrompi l-perjodu preskrittiv estintiv tal-azzjoni tieghu kienet effettivament giet notifikata skond il-ligi f'data partikolari determinata. In fatti l-Qorti tista' tikkonkludi illi l-oggett kien gie effettivament imqassam ghaliex hemm il-firma tad-destinatarju "M.D. Vella" u setghet tistabbilixxi d-data meta effettivament l-ittra kienet giet notifikata skond il-ligi ghaliex jirrizulta mit-timbru tal-ufficju tal-posta illi l-oggett gie ricevut fit-28 ta' Settembru 1995 u kien gie mpustat lura lill-Qorti l-ghada 29 ta' Settembru 1995. Fir-riferta tal-Marixxal imbaghad tiddikjara fit-2 ta' Ottubru 1995 illi n-notifika lil Emanuel Vella effettivament saret fit-28 ta' Settembru 1995. Certament allura in-notifika ma setghatx saret f'data wara t-2 ta' Ottubru 1995 u dana kien bizzejjed biex jigi stabbilit illi l-perjodu preskrittiv kien effettivament gie interrott kif indikat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

Il-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti fir-rigward ta' deficjenzi fir-riferta tal-ufficjal inkarigat minn notifika, meta din jaghmilha personalment, fuq espressi japplikaw mutatis mutandis fil-kaz ta' difetti fil-pink card tal-ufficjal tal-posta. Dana fis-sens illi d-deficjenzi fil-mod li tkun mimlija l-pink card mill-ufficjali tal-posta mhux necessarjament kellhom iwasslu ghall-irritwalita' tan-notifika. Din il-Qorti finalment tattira l-attenzjoni tad-Direttur Generali u r-Registratur tal-Qrati u tghabbieh bir-responsabbilita' li jassigura l-iktar korrettezza fir-registrazzjoni tar-riferti mhux biss mill-ufficjali tal-Qorti imma wkoll u aktar mill-ufficjali tal-posta inkarigati skond il-ligi minn notifika ta' atti ufficjali. Dan ghaliex hu car illi mankanzi serji f'dan ir-rigward jistghu jippregudikaw id-drittijiet tal-partijiet in kawza. Id-Direttur Generali huwa ghalhekk imsejjah biex izomm taht ghajnejh dan l-aspett tan-notifika tal-atti partikolarment f'konsultazzjoni kostanti mal-amministrazzjoni postali li ghandha tkun allarmata ghall-implikazzjonijiet serji ta' leggerezzi da parti tal-impjegati postali. Ghall-bqija din il-Qorti ma tara xejn x'jinduciha li tbiddel id-decizjoni tas-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi rigettat u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez kontra l-konvenut appellant. L-atti qed jigu rimessi lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni. Kopja ta' din is-sentenza ghandha tigi notifikata lid-Direttur Generali u Registratur tal-Qrati ghall-informazzjoni tieghu u biex jaghraf jirregola ruhu.

Dep/Reg

mg